KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

GĦAJNSIELEM LOCAL COUNCIL

5 ta' Lulju, 2010

LILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

## IS-SITT KUNSILL LOKALI T'GHAJNSIELEM

Id-disgha w ghoxrin laqgha ta' dan il-Kunsill ser tinzamm nhar il-Hamis, 8 ta' Lulju, 2010 fl-Ufficcju tal-Kunsill, fil-*2.00 ta' wara nofs in-nhar.* Kulhadd huwa mitlub li jattendi u jkun fil-hin.

## AGENDA

1. **Talba**
2. **Minuti**
3. **Korrispondenza**
4. **Linji bojod kontinwi fit-Triq Mgarr**
5. **Pelikan lights fit-Triq Mgarr**
6. **Speed Camera fit-Triq Mgarr**
7. **Progett ta' Passi**
8. **Materji ohra**

**Grazzi u tislijiet,**

A. Cauchi

**Amanda Cauchi**
**Seg. Ezekuttiv**

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. GSM 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

Minuti tad-disgha w ghoxrin laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, li nzammet nhar it-Hamis, 8 ta' Lulju, 2010, fis-2.00 ta' wara nofs in-nhar.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Stephen Mercieca | Vici Sindku |
| | Is-Sur Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Caruana | Kunsillier |
| | Is-Sur Joe Camilleri | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Amanda Cauchi | Segretarju Ezekuttiv |

N.B. Is-Sur Larry Buttigieg dahal fil-laqgha fit-3.15pm, wara nuqqas ta ftehem bejnu u s-segretarju ezekuttiv fuq il-hin.

1. Talba – Wara li s-sindku qal it-talba, ta bidu ghal-laqgha.

2. Korrezzjoni tal-minuti:

   Paragrafu 5: Is-Sur Joe Camilleri zied li ma kellux ghalfejn javza min qabel lil-kunsill li huwa kien mar fuq il-Belvedere mal perit Carmel Coccopardo ghaliex huwa ghamel hekk fuq interess personali. Huwa kompla jghid kif ma tnizlitx il-laqgha li is-sindku u s-segretarju ezekuttiv kellhom ma tlett rappresentanti mill-enforcement section tal-Mepa u s-Sur Silvio Rapa l-propjetarju tal-Grand Hotal. Is-segretarju ezekuttiv talbet skuza ghaliex kienet insiet tnizzilha peress li kienet ga nformat lil kunsill b'rendikont ta' din il-laqgha permezz ta' email dakinhar tal-laqgha stess.

   Fis-27 ta' Mejju, tlett impjegati mill-MEPA talbu li ssir laqgha dak il-hin stess fil-kunsill mas-sindku u s-segretarju ezekuttiv biex issir diskussjoni fuq l-izvilupp tal-Grand Hotel. Din il-laqgha inzammet fil-11 ta' filghodu. Hawn, is-sindku spjega kif il-kunsill kien kontinwament qieghed jircievi lmenti mill-pubbliku, li l-belvedere huwa inaccessibli peress li r-rampa tinsab maghluqa minhabba dan l-izvilupp. It-tlett impjegati tal-Mepa spjegaw lis-sindku u s-segretarju ezekuttiv li r-*retaining wall* ma jistghax jitnehha ghalissa minhabba s-sigurta peress li kien ghad fadal bini x'isir fuq il-hajt tad-divizjoni li jaghti fuq il-belvedere. Huma qablu mas-sindku li ghandu jitnaddaf il-materjal kollu u jitnehhew il-planki li jmissu mal-belvedere minn sid il-lukanda, u terga issir ir-rampa kemm jista jkun malajr. Is-sindku spjega kif kienet ir-rampa, u wera xi ritratti antiki tal-belvedere u ritratti kif jinsab prezenti. L-impjegati tal-MEPA issuggerew li dak il-hin stess ssir laqgha wkoll mas-sid l-izvilupp fil-Grand Hotel biex jaghtuh l-ordni li jnaddaf il-belvedere mill-materjal kollu li kien ingabar u

jirranga r-rampa. Peress li kien sari l-hin ghal Price Day tal-Iskola Primarja, fejn is-Sindku u s-segretarju ezekuttiv flimkien mal-kunsill kollu kienu mistiedna, gie deciz li l-laghqa mas-sur Silvio Rapa issir fis-2.00 pm il-Grand Hotel. Wiehed mil-impjegati tal-MEPA cempel lis-sur Rapa biex jinfurmah b'din il-laghqa sabiex ikun hemm ghal dak il-hin. Is-sur Rapa ma sab l-ebda oggezzjoni fuq din il-laghqa u accetta li jitaghqa mar-rapprezentanti tal-MEPA u l-Kunsill Lokali fis-2.00pm.

Is-sindku spjega li hu flimkien mas-segretarju ezekuttiv waslu fil-post ftit tal-hin wara is-2.00pm, peress li l-Price Day ittardjat. It-tlett raprezentanti tal-MEPA kienu ga qeghdin hemmhekk flimkien mas-sur Silvio Rapa. Is-sindku introduca lis-segretarju ezekuttiv mas-Sur Rapa. Fil-laqgha, is-sur Rapa qabel ma dak li gie deciz fil-kunsill aktar kmieni mar-rapprezentanti tal-MEPA, li minnufih jitnehhew il-planki li qeghdin fuq il-belvedere kif ukoll li jibda t-tindif fil-belvedere fil-parti li tmiss mal-lukanda. Hu qal ukoll li ser jiehu hsieb li jerga jsir ir-railing li kien inkiser max-xoghol fil-parti t'isfel tal-belvedere u jerga jgibu fl-istat originali li kien. Is-sur Rapa spjega kif l-izvillup kien jinsab wieqaf peress li ghandu *enforcement* mill-MEPA. Hu qal li kien applika ghal minor amendments biex jikkomferma mal-permess. Waqt din il-laqgha giet diskussa fit-tul ir-rampa ta' fuq il-belvedere. Proposti ta' kif tista temporanjament ssir r-rampa gew diskussi, izda peress li din ir-rampa fiha kwazi sular gholi, dan ma kienx possibli l-aktar minhabba *r-retaining wall*. Gie deciz li malli johrog il-permess tal-*minor amendment*, is-sid tal-lukanda mmedjatament jkompli jibni l-hajt tad-divizjoni mal-belvedere biex jitnehha l-periklu. B' hekk dan ir-*retaining wall* ikun jista jitwaqqa u jaghmel spazju biex terghha tinbena r-rampa kif kienet u jitkompla l-kumplament tax-xoghol fuq il-belvedere biex jerga jigi fl-istat original tieghu. Dan ix-xoghol kollu ghandu jsir ghas-spejjez tas-sur Silvio Rapa.

Paragrafu 10: Il-vers "Is-Sur Camilleri wera x-xewqa tieghu li jattendi ghal-din il-laqgha" irid jigi jinqara "Is-Sur Camilleri wera x-xewqa tieghu li jattendi ghal-din il-laqgha peress li kien suggeriment tieghu li ssir xi haga fuq Kemuna."

3. Approvazzjoni tal-minuti:

Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn gew approvati kif prezentati u ghalhekk iffirmati mis-Segretarju Ezekuttiv u s-Sindku.

4. Palazzolo Acreide

Is-Sur Peter Caruana prezenta ktieb fuq Ghawdex f'isem il-Kunsill t'Ghajnsielem lis-Sindku ta' Palazzolo Acreide tul iz-zjara tieghu mas-socjeta Ghaqda Muzikali San Guzepp f'Gunju li ghadda. Minn naha l-ohra, il-kunsill f'Palazzolo Acreide baghat tifkira tal-post u s-sur Caruana prezentaha lil-Kunsill.

5. Korrispondenza

5.1. Belvedere – il-Kunsill kien staqsa lir-rapresentanti tas-safety li kienu zaru l-post biex jibghatu rapport taz-zjara taghhom. Is-sindku qara dan ir-rapport fejn jindika li r-*retaining wall* ma jistghax jitnehha qabel ma jkun lest il-bini fuq il-belvedere. Is-Sur Camilleri qal li xorta ma jaqbilx mas-sitwazzjoni tal-belvedere. Is-sindku qal lil-prezenti li kien ircieva tahrika mill-pulizija rigward il-plakka tal-belvedere, jekk din inqaletx mill-Kunsill jew le u jekk iva minn kien ta l-ordni li tinqala. Is-sindku kompla jghid li kif kulhadd kien jaf, kien hu stess li kien ta' l-ordni li tinqala din il-plakka kommemorattiva qabel ma waqa` l-hajt tad-divizjoni. Hu qal li kien gie avvicinat ukoll minn xi residenti f'din z-zona biex tinqala l-plakka u titpogga l-kunsill sakemm jitlesta l-progett biex wara terga titpogga fil-post originali taghha. Prezentament, il-plakka tinsab fil-kunsill, u s-sindku sahaq li din terga tehel fejn kienet kif inhi, imbaghad isirilha manuntenzjoni li hemm bzonn fuq il-post.

5.2. Laqgha ma l-Onor. Chris Said.

Is-sindku qal li nhar il-Hamis, 15 ta' Lulju, l-Onor. Chris Said ser jaghmel zjara f'Ghajnsielem. Huwa talab ghal xi suggeriment fl-agenda ghal-din il-laqgha. Gie deciz li Triq Mgarr ghandha tigi diskussa fir-rigward tal-manigjar tat-traffiku u jissemma l-progett ta' Bethlehem f'Ghajnsielem.

5.3. Attivita fil-Playingfield Ammabile Cauchi

Il-Kunsill qabel ma l-attivita ghat-tfal li ser titella nhar it-12 ta' Settembru, 2010, bejn id-9 am sas 1pm. Il-kunsill qabel ukoll li nqabbdu l-wardens biex zgur ma jkunx hemm periklu ghat-tfal tul l-attivita'.

11, Dar Bernardina, Pjazza tad-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt

5.4. Mepa

Is-Sindku ta' rendikont ta' l-*enforcements* u l-applikazzjonijiet godda minn-naha tal-MEPA dan l-ahhar.

6. Linji bojod kontinwi fit-Triq Mgarr

Is-Sur Camilleri qara l-minuti tal-kumitat kongunt, fejn hemmhekk kienu qablu li sewwieq jista jaqsam minn Triq Chambrai l' fuq ghal Triq Mgarr u l-istess min Triq Sant Indria ma Triq Mgarr. Huwa kompla jghid li dan il-ftehim li kien ghamel il-Kunsill mal-Kumitat Kongunt ma jiswa ghal xejn ghaliex ir-residenti li juzaw sikwit dawn it-toroq u jaqzmu l-linji bojod qeghdin jigu mmultati mill-wardens. Is-Sur Camilleri qieghed jipproponi li dawn il-linji jsiru dotted lines, fejn hawnekk is-segretarju ezekuttiv qalet li ga kienet intbaghtet xi korrispondenza lit-Transport Malta fejn huma ma qablux ma dan.

Is-Sur Larry Buttigieg sahaq li meta saret Triq Mgarr, il-Kunsill ma kienx gie kkonsultat fuq l-immanigjar tat-traffiku. Huwa ssuggerixxa li l-kunsil jikteb lil-Transport Malta biex issir laqgha mal-kunsill fuq dan il-kaz.

7. Football Ground

Is-segretarju ezekuttiv informat lill-prezenti li rciviet telefona mis-segretarju tal-club tal-football, fejn dan talab li ssir laqgha mal-Kunsill li jiddiskuti l-ground tal-football bit-terf. Il-kunsill kollu qabel li bid-direttivi l-godda mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, l-ebda ghajnuna ta' fondi ma tista' issir mill-Kunsill specjalment fuq art privata bhal ma hu l-ground. Madanakollu, huma qablu li jilqghu l-offerta ghal-laqgha mal-president u s-segretarju tal-club tal-football.

8. Speed Camera u Pelican lights

Is-sur Camilleri rega qajjem is-suggett tal-pelican lights fit-Triq Mgarr. Is-sindku kien rega fakkar il-presenti li l-kunsill kiteb lil-Transport Malta ricentament fuq din il-kwistjoni, izda t-talba tal-kunsill giet irrifjutata. Is-sindku qal ukoll li kif kien miftihem mil-kunsill intbaghtet ittra lill-Ministru Austin Gatt biex nuruh l-

importanza ghall-*speed camera* f'din l-istess triq kif ukoll tal-pelican lights fi triq Mgarr ma triq Cordina.

Is-sur Larry Buttigieg issugerrixxa li ssir cctv camera, izda wara diskuzzjoni bejn il-prezenti, din ma kienetx ser tkun vjabbli. Dan l-aktar ghaliex b'cctv camera tnehhi l-privatezza tar-residenti vicin.

9. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-sindku spjega li mill-ahhar laqgha, l-avukata tal-Ministru ghal-Ghawdex kienet cemplet lis-sindku biex torganizza laqgha mal-Kunsill kollu. Is-sindku qalilha li kien ikun ahjar li l-ewwel taghmel laghqa ma l-arcipriet biex dan jaghti l-veduti u proposti tieghu fuq il-pjazza imbaghad wara issir il-laghqa mal-kunsill sabiex dan ikun f'pozizzjoni ahjar li jistudja dawn il-proposti. Is-sindku qal li l-avukata qablet mat-talba tieghu u ghandha tinforma lill-kunsill wara li tkun saret il-laghqa ma l-arcipriet.

10. ERDF

Is-sindku qal li l-applikazzjoni tal-progett tax-Xatt l-Ahmar fuq ERDF ma giex accettat mill-managing authority li l-applikazzjoni dahlet tard. Il-kunsill qabel li jappella din il-decizjoni peress li l-persuna li marret bl-applikazzjoni stqarret li telfulhom il-hin minn kien qabilhom fil-queue u dan kien diga fl-ufficcju qabel ma daqq nofs in-nhar

11. Bethlehem f'Ghajnsielem

Il-kunsill gie mgharraf li l-applikazzjoni ghal-fondi ma gietx accettata. Il-kunsill qabel unanimament li japplika ghad-devolution ta' l-art kollha li jixtieq u jikteb lid-Dipartiment tal-Joint Office u s-Segretarju Parlamentari koncernat mill-artijiet, sabiex jitwaqqaf il-hlas tal-qbiela. Dan ghaliex il-kunsill kien ser japplika ghad-devoluzzjoni t'a l-art biex ikun jista japplika ghal-permes mal-MEPA fuq progett ta' *Recreational Park*. Gie deciz li jekk jitwaqqaf il-hlas tal-qbiela l-bidwi jibqa jahdem il-parti ta' l'art li kien jahdem, pero minghajr ebda hlas u titlu sakemm jidirlu l-kunsill.

12. Training f'Brussels

Is-segretarju ezekuttiv giet mitluba li taqsam l-esperjenza ta' training li attendiet f'Brussels. Hija irringrazzjat lil-Kunsill li taghha l-opportunita' li tmur dan it-traning flimkien ma 9 segretarji ezekuttivi ohra u spjegat fil-qosor din l-esperjenza.

13. Customer Care

13.1. Triq ic-cief – waslu xi ilmenti li qieghed ikun hemm it-taghlim tal-vetturi fil-5am f'din it-triq. Il-kunsill qabel li jekk vera qeghdin isiru dawn l-affarijiet fil-5am, tinkiteb ittra lil kull skola li tghallem is-sewqan.

13.2. Triq iz-Zewwieqa – saru xi lmenti li qieghed ikun hemm hafna skart quddiem il-Country Terrace, specjalment wara xi *reception* ta' tieg. Il-kunsill issugerixxa li tinkiteb ittra lis-sid ta' Country Terrace biex dan jaghmel xi forma ta' bins ghal dawn l-affarijiet.

13.3. Tabella no parking fit-triq Chambrai – tehel tabella li tindika *'no parking'* f'din it-triq bejn it 8am – 10am. Il-kunsill qabel li jikteb lil Transport Malta.

13.4. Bowzer Lourdes Home – il-Kunsill ma qabilx li jinghata bowzer lil din id-dar.

13.5. Pots fuq bankina tat-Triq Benghazi – is-Sur Stephen Mercieca qal li ftihem mas-Sur John Demanuele biex inehhi l-pots min- nofs il-bankina. Huwa issugerixxa li jsiru railing tal-hadid mal-bankina tieghu. Il-kunsill qabel li tintbaghat ittra lil residenti biex ma jhallu xejn fuq il-bankina li jkun t'ostaklu biex timxi fuqha.

13.6. Bozza l-port ta' l-Mgarr – Is-sur Joe Camilleri qal li kien gie avvicinat min sajjied biex tehel bozza ma arblu ezistenti. Gie deciz li nkelmu lis-Sur Tony Borg mil-Ministeru peress li din taqa that ir-responsabilita tal-Gvern Centrali.

13.7. Bankina Triq Malta – nitolbu lic-CMU biex jaghmlu din il-bankina.

14. *Mistoqsijiet u ohrajn*

- Joe Camilleri – issir tabella f'pjazza tad-Dehra bit-tifsira tal-monumnet

- Larry Buttigieg – l-istat tat-Triq il-Fugazz – is-sindku irrispondih li din kienet ghada ma saritx ghax kien hemm xi bdiewa li kienu qeghdin jibnu hitan tas-sejjieh f'dawn l-inhawi. Appena li jitlesta dan ix-xoghol, issir t-triq bil-konnkos kif kien ippjanat. Huwa kompla jghid li Triq Sant Eliju tista ssir patching bil-konkos wara li tkun tlestiet Triq il-Fugazz.

- Peter Caruana – tenders tal-*finishing* tal-kunsill. – is-sindku qal li ser johrog l-avviz il-gimgha d-diehla. Huwa kompla jghid li l-perit ghandu jmur ikejjel il-bini u tat-thamil biex ikun jista jsir xi hlas tax-xoghol li sar lill-kuntrattur.

- Triq Hamri (parti) u Triq Fawwara– il-perit tal-Kunsill Edward Xerri ser johrog rapport tat-triq u kejl wara li kien iltaqa mal-perit tal-kuntrattur fuq il-post biex b'hekk ikun jista johrog il-kont ta' dawn it-toroq.

Il-laqgha ntemmet fit-4.50pm. Is-Sindku sejjah laqgha ohra tal-Kunsill, nhar il-Hamis, 8 t'Awwissu 2010, fil-2.00pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Cauchi
Segretarju Ezekuttiv